# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 19 t'Ottubru 2023**

**Appell numru 99/2017**

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Antonio BORG**
**Lilian (Emmanuela) BORG**

**Il-Qorti rat is-segwenti:**

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell tal-Avukat Ġenerali minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-24 ta' Ottubru 2022 fil-konfront ta' Antonio BORG (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 315967M) u Lilian (Emmanuela) BORG (detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru: 379570M) li ġew mixlija talli:

> F'dawn il-Gżejjer, fis-sena 2014 u fis-snin ta' qabel b'diversi atti magħmulin minnhom fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

i) Appropjaw ruħhom billi dawru bi profitt għalihom jew għal persuna/i oħra, is-somma ta' aktar minn Ewro 5000 għad-dannu ta' Grace Cuschieri liema somma ġiet fdata jew ikkunsinnata lilhom taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu ta' radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, liema amministrazzjoni ta' beni kienet fdata jew ikkunsinnata lilhom minħabba l-professjoni, industrija,

kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tagħhom jew minħabba depożitu neċessarju;

ii) U aktar talli b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrew ħaġa b'oħra sabiex iġiegħlu titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji jew sabiex iqanqlu tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qliegħ b'qerq ta' aktar minn Ewro 5000 għad-dannu ta' Grace Cuschieri.

iii) U aktar talli bi ħsara ta' ħaddieħor u ċjoe' ta' Grace Cuschieri, għamlu qliegħ ieħor b'qerq mhux imsemmi fl-Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, sabet lill-appellat Antonio BORG ħati tat-tieni imputazzjoni biss u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kkundannatu għal sentejn priġunerija sospiżi għall-perjodu operattiv ta' erba' snin mid-data tas-sentenza, filwaqt li lliberatu mill-imputazzjonijiet kollha l-oħra fuq nuqqas ta' provi. Fir-rigward ta' Lilian (Emmanuela) BORG, il-Qorti tal-Maġistrati ddeċidiet illi tillibera lill-appellata mill-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tagħha stante li ma ġewx ippruvati.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-Avukat Ġenerali appellat minn din is-sentenza fejn talbet lil din il-Qorti sabiex joġgħobha tirriforma s-sentenza appellata billi tvarja l-istess f'dik il-parti tas-sentenza fejn ma sabitx lill-appellata Lilian (Emmanuela) BORG ħatja tat-tieni imputazzjoni dwar frodi u minflok issibha ħatja tagħha u tinfliġġi l-istess piena li tat lill-appellat Antonio BORG skont il-Liġi, filwaqt li tikkonfermaha fil-bqija tagħha u dan wara li stqarret is-segwenti (in suċċint): -

> Illi fir-rigward tal-appellata Lilian (Emmanuela) Borg, il-Qorti kkonkludiet li 'rigward l-akkużata Lilian Borg, jingħad illi ma nġabux provi biżżejjed sabiex jinkulpawha b'dawn l-akkużi anke jekk huwa stat ta' fatt illi hija l-mara tal-akkużat l-ieħor. L-involviment tagħha mill-provi joħroġ biss meta sar il-kuntratt quddiem in-Nutar Zammit u għaldaqstant il-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tilħaq il-grad rikjest skont il-liġi.' Illi l-esponent jisħaq li ġjaladarba l-appellata kienet

involuta flimkien ma' żewġha l-appellat Antonio Borg b'dan tal-aħħar jinstab ħati għall-mod kif irnexxilu jiffroda lil vittma Grace Cuschieri, kemm -il darba l-Qorti ħasset li ma kienx hemm biżżejjed provi sabiex jinkulpawha bħala awtur tal-frodi jibqa' l-fatt li l-appellata Lilian Borg kienet kompliċi mal-appellat Antonio Borg fil-bejgħ tal-fond de quo. Illi f'dan l-isfond issir referenza għall-Artikolu 467(2) tal-Kodiċi Kriminali li propju jitratta s-sitwazzjoni fejn il-ġurija tista' flok issib lill-akkużat ħati bħala awtur tista' minflok issibu ħati bħala kompliċi. Illi skont il-ġurisprudeza nostrana meta persuna tkun akkużata b'reat bħala awtur ta' dak ir-reat, qorti ta' ġustizzja kriminali tista' ssibu ħati bħala kompliċi f'dak ir-reat jew inkella flok ħatja tar-reat ikkunsmat ħatja biss ta' tentattiv ta' dak ir-reat. Illi dejjem ġie ritenut minn ġurisprudenza nostrana li r-regola msemmija fis-subartikolu 2 tal-artikolu 467 tapplika għall-Qrati ta' ġustizzja kriminali kollha (Il-Pulizija vs Emanuel Camilleri et appell kriminali 23.11.2001). Illi fi kwalunkwe każ, l-imsemmi artikolu 467 japplika wkoll għall-Qrati tal-Maġistrati bis-saħħa tal-Artikolu 525(3) tal-Kodiċi Kriminali. Illi l-esponent jisħaq li biex fil-każ odjern verament issir ġustizzja, l-appellati kellhom jinsabu t-tnejn ħatja flimkien biex jiffrodaw lil Grace Cuschieri fil-bejgħ tal-proprjeta' tagħha lilhom

## D. IL- PARTI ĠENERALI

4. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni. Ir-rwol tagħha huwa li tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati. Din il-Qorti ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta din tkun għamlet apprezzament korrett tal-provi li jkunu inġiebu quddiemha. Dwar l-irwol ta' din il-Qorti bħala Qorti tal-Appell Kriminali, fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Emanuel ZAMMIT** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal hekk:

---

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u r-**Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan** et, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.
Fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u

kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

5. Għalhekk bħala regola[2] din il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tagħmilx evalwazzjoni ġdida tal-provi u tiddeċiedi l-każ hi mill-ġdid b'mod li tissostitwixxi dak ix-xogħol li tkun għamlet il-Qorti tal-Maġistrati qabilha. Il-Liġi timponi l-obbligu fuq il-Qorti tal-Maġistrati li tagħmel l-analiżi tal-provi u tal-argumenti legali fil-kawża biex imbagħad tkun dik il-Qorti li tasal għall-konklużjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew mhux ħati tal-imputazzjonijiet li jkunu inġiebu għall-ġudizzju tagħha. Imbagħad jekk xi parti tħossha aggravata minn dik is-sentenza, il-Liġi tipprovdi r-rimedju ta' reviżjoni ta' dik is-sentenza quddiem din il-Qorti. Għalhekk bħala regola, ir-rwol ta' din il-Qorti mhux dak li tissostitwixxi x-xogħol li tkun għamlet il-Qorti tal-Maġistrati iżda li tirrevedi x-xogħol li jkun sar minn dik il-Qorti biex tara jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx, legalment u raġonevolment, tasal għall-konklużjonijiet li tkun waslet għalihom. Din il-Qorti tagħmel dan billi tistħarreġ hi stess il-provi li jkunu inġiebu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u l-argumenti li jkunu saru quddiemha. Tant hu hekk li huwa biss f'każijiet eċċezzjonali li din il-Qorti tista' taċċetta li jiġu prodotti provi ġodda fi stadju ta' appell.[3]

6. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-

ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

[3] U dan biss fil-parametri tar-restrizzjonijiet imsemmija fl-artikolu 424 tal-Kodiċi Kriminali.

provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, **<u>anke jekk in bażi tal-istess provi din il-Qorti setgħet tasal għal konklużjonijiet differenti</u>**, din il-Qorti xorta ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, u waslet għal konklużjoni jew waħda mill-konklużjonijiet li hija setgħet legalment u raġonevolment tasal għalihom in bażi għall-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha u allura tkun waslet għal konklużjoni li fiċ-ċirkostanzi tal-każ kienet korretta jew waħda mill-konklużjonijiet korretti li setgħet tasal għalihom, din il-Qorti ma tkunx tista tibdel dik il-konklużjoni sempliċiment għaliex ma tkunx taqbel magħha għax kienet konklużjoni differenti minn dik li din il-Qorti kienet tasal għaliha li kieku kienet qed tiddeċiedi hi l-każ.

7. Apparti minn hekk il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati. Biex il-konklużjoni tal-Qorti tal-Maġistrati tkun tista' tiġi mibdula fl-istadju tal-appell, din il-Qorti trid tkun konvinta li, in bażi għall-provi u l-argumenti legali li tresqu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, dik il-Qorti ma tkunx setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet in kwantu bħala riżultat ta' dawk il-provi il-konklużjoni li tkun waslet għaliha l-Qorti tal-Maġistrati ma setgħetx tkun dik jew waħda minn dawk li tkun waslet għalihom. Dan allura jfisser li biex din il-Qorti tkun tista' tirrevedi jew tibdel dik il-konklużjoni jkun irid jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati tkun b'xi mod żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha. Huwa frott ta' dan l-iżball li jkun sar mill-Qorti tal-Maġistrati li allura jagħti lok lil din il-Qorti tqis li ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet li jkunu ġew milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. F'dak il-każ allura ma jkunx jista' jingħad li l-Qorti tal-Maġistrati tkun setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha biex b'hekk, din il-Qorti bħala Qorti tal-Appell Kriminali u allura qorti ta' reviżjoni jkollha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[4]

---

[4] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina,** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak,** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta'

8. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija mnisla mis-sistema Ingliż fejn persuna akkużata tista' tiġi misjuba ħatja biss meta fil-każ tagħha tkun inġiebet l-aħjar prova u dik l-aktar sħiħa u li bis-saħħa tagħha l-ħtija ta' dik il-persuna tkun ġiet pruvata **lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni**. Biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali **ma teħtieġx** li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi Maltija teħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali ssib akkużat ħati din trid tkun ċerta - lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni - "sure" fis-sistema Legali Ingliż,[5] li l-każ ikun seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni. Dan huwa l-livell ta' konvinċiment meħetieġ mill-Liġi biex tinstab ħtija; livell ta' konvinċiment li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet. Għalhekk biex tkun tista' tinstab ħtija fl-akkużat il-grad ta' suffiċjenza probatorja trid twassal lil min irid jiġġudika l-fatti li jħossu ċert, "sure", mill-ħtija tal-akkużat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.

9. Fil-każ Ingliż **Majid**,[6] Lord Moses stqarr hekk:

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

10. Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence**, Adrian Keane u Paul McKeown[7] jgħidu s-segwenti:

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

---

Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

[5] **R v Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2

[6] ibid.

[7] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

11. Il-livell ta' konvinċiment fil-livell ta' "sure" mhux ġdid għas-sistema Penali Malti fejn saħansitra l-Imħallef William Harding fis-sentenzi tiegħu kien jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju tal-konvinċiment sal-grad **tas-sikurezza**. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Peralta** deċiż mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **b'sikurezza** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat ta' ħtija tal-imputat biex b'hekk ġja mill-1957 dik il-Qorti kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mal-grad ta' konvinċiment lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll anke illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

12. Livell ta' konvinċiment inqas minn dak tas-sikurezza huwa l-livell tal-bilanċ tal-probabbilitajiet. Dan huwa l-livell ta' konvinċiment li huwa meħtieġ li jintlaħaq mid-Difiża fil-każ li din tagħżel li tressaq prova jew argument favur l-akkużat. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, b'mod li minħabba f'hekk Qorti ta' Ġustizzja Kriminali ma jkollhiex dik is-sikurezza fil-ħtija tal-akkużat, allura f'dak il-każ, dik il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat u għandha tgħaddi sentenza li l-akkużat ma jkunx ħati. U huwa biss meta jkun hemm **id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża** li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija konvinċiment lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

13. Issa l-Liġi tafda primarjament f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi u l-ġudizzju dwar jekk l-imputat huwa ħati jew mhux ħati tal-imputazzjonijiet li jkunu ġew miġjuba kontra tiegħu. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, in kwantu tkun il-Qorti ta' ġurisdizzjoni dwar il-meritu tal-każ partikolari, tkun fl-aħjar qagħda li tqis u tevalwa l-provi kollha għaliex, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Dik il-Qorti hija fdata bl-irwol li tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li bħala regola din il-Qorti – in kwantu hija Qorti ta' reviżjoni – ma jkollhiex l-opportunita li tagħmel.

14. U minn dan joħroġ kemm huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi, apprezzament tax-xiehda u l-eventwali deċiżjoni fil-meritu dwar il-ħtija tal-imputat f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. U huwa għalhekk ukoll li dan l-eżerċizzju li jsir minn dik il-Qorti fih responsabilita kbira; u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, b'mod li allura dak l-eżerċizzju ta' analiżi u skrutinju ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq. Kif spjegat iżjed il-fuq jiġi disturbat meta din il-Qorti ta' reviżjoni tara li d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati ma tkunx waħda minn dawk li legalment u raġonevolment setgħet tasal għalihom.

15. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn dik il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-Appell ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **Il-Pulizija vs. Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti ta' appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti:

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

16. Biex tagħlaq fuq dan il-punt, din il-Qorti tirreferi għall-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiż nhar is-7 ta' Marzu 2002 fejn dwar l-irwol aħħari ta' din il-Qorti tal-Appell bħala qorti ta' reviżjoni tas-sentenżi tal-Qorti tal-Maġistrati intqal li:

> F'dan l-ezercizzju pero' din il-Qorti ser issegwi l-insenjament ta' din il-Qorti diversament preseduta u dik tal-Qorti tal-Appell Kriminali minn appelli mill-Qorti Kriminali u cioe' li il-funzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti mhux li terga taghmel gudizzju mill-gdid fuq il-kaz partikolarment ghal dak li jirrigwarda il valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-kaz, imma biss li tillimita ruha li tara jekk id-decizjoni tal-ewwel Qorti hix "unsafe and unsatisfactory" fuq il-bazi tar-rizultanzi fil-prim'istanza. Mhux bizzejjed li din il-Qorti jista' jkollha opinjoni differenti mill-ewwel Qorti ghal dak li jirrizulta mill-provi, ghax, jekk l-ewwel Qorti setghet ukoll xorta wahda tasal ghad-decizjoni li waslet ghaliha fuq il provi li kienu quddiemha, mhux il-funzjoni ta' din il-Qorti li tissostiwixxi tali decizjoni bid-decizjoni taghha.

## E. IL-KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

17. Illi nhar id-19 ta' Diċembru 2014, il-Pulizija tat-Taqsima tar-Reati Ekonomiċi rċevew kwerela mibgħuta mill-Avukat Dr. Noel Cutajar għan-nom tal-klijienta tiegħu Grace Cuschieri fejn din tal-aħħar xtaqet tiddenunċja lil ċertu Antonio u Lilian (Emmanuela) konjuġi BORG għaliex skont ma rraportat lill-Pulizija, dawn kienu ttruffawha meta akwistaw id-dar residenzjali tagħha b'serje ta' inganni u raġġiri. Cuschieri ddenunċjat kif Antonio BORG kien sar jaf lil ħuha u li bl-iskuża li kien ħabib ta' ħuha kien ta' spiss iżurhom fir-residenza li fiha hija kienet tgħix ma' ħuha. Qalet li l-konjuġi BORG kienu wkoll iddeċidew minn jeddhom illi ta' kuljum joħdulha borma ikel u kienu wkoll ikkonvinċuha sabiex tagħmel prokura f'isem Antonio BORG minħabba f'li hija kienet ta' spiss tiġi rikoverata l-isptar Monte Carmeli għall-kura minħabba problemi ta' dipressjoni.

18. Cuschieri rraportat kif darba fost l-oħrajn, senjatament nhar il-15 ta' April 2009 - kienu għaddew għaliha l-konjuġi BORG u hija rikbet magħhom fil-vettura tagħhom. Minn hemmhekk ħaduha għand in-Nutar Jonathan Zammit bl-intendiment li jsir kuntratt ta' bejgħ u wara li Cuschieri ffirmat xi karti li hija ma fehmitx x'kienu, sar il-bejgħ tal-proprjeta' li tagħha bi trasferiment isir favur il-konjuġi BORG imniżżla bħala x-xerrejja fuq il-kuntratt.

19. Irriżulta minn investigazzjonijiet kondotti mill-Pulizija li effettivament Cuschieri qatt ma rċeviet flejjes bħala korrispettiv għall-bejgħ tal-proprjeta' u rriżulta wkoll kif permezz tal-prokura magħmula b'ingann minn Antonio BORG, il-kont bankarju mal-Bank of Valletta plc tal-parte leża wkoll beda ftit ftit jiġi pproxxugat minħabba 'withdrawals' li huwa kien jeffettwa ta' flejjes li kienu jidħlu fil-kont bankarju ta' Cuschieri konsistenti f'benefiċċji soċjali varji li hija kienet tirċievi.

20. Illi kien għalhekk li l-Pulizija bgħatu għall-Antonio u Lilian BORG u nhar l-4 ta' Ottubru 2015, huma rrilaxxjaw stqarrija mal-Pulizija wara li rrifjutaw li jużufruwixxu ruħhom mid-dritt tal-assistenza legali kif viġenti fiż-żmien tat-teħid tal-imsemmija stqarrijiet. Sussegwentement, nhar is-6 ta' Novembru 2017, l-imputati appellati konjuġi BORG ġew imressqa quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja mixlija kif ingħad.

## Ikkunsidrat

21. Illi t-tieni imputazzjoni addebitata lill-appellata BORG u li tagħha l-Avukat Ġenerali qiegħda tippretendi li tinstab ħtija, hija ibbażata fuq l-Artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali li jitratta r-reat ta' "truffa". Din hija meqjusa forma iżjed serja ta' frodi minn dik magħrufa bħala "frodi innominata" preskritta fl-Artikolu 309 tal-Kodiċi Kriminali.[8] Dak li l-iżjed jiddistingwi t-truffa mill-frodi innominata hija l-'messa in scena' u ċjoe' dawk is-serje ta' ċirkostanzi li l-aġent attiv tar-reat joħloq sabiex iġiegħel lill-vittma jemmen stat ta' fatt li jkun fittizju u għalhekk jissuċċedi li dan tal-aħħar jiġi truffat.[9]

---

[8] Din id-distinzjoni ġiet ribadita, fost oħrajn, mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża **Il-Pulizija vs. Omissis, Omar Caruana u Omissis** deċiża nhar l-14 ta' Lulju 2020:

> Din il-Qorti sejra taghmel referenza ghal gurisprudenza dwar l-artikoli 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija [Spettur Maurice Curmi] vs Anthony Fountain u Stephen k/a Steve Abela**' gie kkunsidrat:
>
> 'Illi d-differenza bejn r-reati ipotizzati f'l-artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-elementi rikjesti biex jissussistu dawn ir-reati, hija ben stabbilita fil- gurisprudenza taghna. Fil-Ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill- vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent ... jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi - dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mis en scene - ikun hemm it-truffa; jekk le ikun hemm hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolenti innominat).

[9] Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Emanuele Ellul** deċiż nhar l-20 ta' Ġunju 1997, ingħad:

> Fil-liġi tagħna, element essenzjali għall-kostituzzjoni tar-reat ta' truffa hija l-mise-en-scene, ċjoe dawk l-artifizi jew raggiori idonei li jinduċu u li effettivament ikunu induċew ill-vittma fi żball -l-ingann – u li b'konsegwenza ta' dak l-iżball il-vittma tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa li ġġibilha telf patrimonjali bil-korrispondenti qliegħ għall-aġent.
>
> Il-liġi tagħna ma tirrikjedix li l-messa in scena ċjoe li dawn l-artifizi jew raġġiri ikunu xi ħaġa kkumplikata jew arkittetta b'ħafna pjanijiet; in fatti l-Liġi stess tindika l-forom li dawn l-artifizi jew raggiri jistgħu jieħdu. Fost dawn hemm is-sitwazzjonijiet ta' meta persuna b'kwalisiasi forma ta' qerq, inganna jew simulazzjoni tagħti x'tifhem li għandha l-flus meta mgħandhiex. Meta wieħed joħroġ ċekk meta kien jaf li ma kienx hemm fondi fil-kont in kwistjoni sabiex dak iċ-ċekk jista' jiġi onorat ikun qed jinganna jew jipprova jinganna b'waħda mill-forom ikkontemplati fil-liġi tagħna.

Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Alfred Custo** deċiż nhar is-7 ta' Lulju 1998 intqal:

> Sabiex jikkonkorri dan ir-reat, skond din id-duttrina, jeħtieġ li jkun hemm mhux biss is-sempliċi parole menzogniere, iżda anki l-mis en scene li tagħti kreditu lil dawk il-kliem ta' gideb u ingann. Huwa neċessarju għalhekk li jiġi ppruvat li l-buona fede tal-vittma tiġi sorpriża b'dan l-artifizju jew kwalifiki foloz, bħalma huma ismijiet foloz.

Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. George Manicolo** deċiż nhar it-13 ta' Lulju 1998 ġie ritenut:

> Illi l-ġurisprudenza nostrali dejjem kienet illi sabiex jissussisti r-reat ta' truffa mhix biżżejjed is-sempliċi gidba, il-kliem menzjonier, izda hu neċessarju u essenzjali li jkun hemm ukoll l-apparat estern li jagħti fidi u kredibilita' lil dik il-gidba. Dan l-att estern jista' jiehu diversi forom, kultant anke att teatrali. Irid ikun att, jew atti, li jimpressjonaw bniedem ta' intelligenza u prudenza ordinarja u normali, għandhom ikunu atti frawdolenti li neċessarjament iqajmu sentimenti kif indikat fl-artikolu 308 tal-Kap. 9. Irrid ikun hemm il-messa in xena u ghalhekk, kif intqal, il-gideb waħedhom mhumiex suffiċjenti. Iridu jkunu atti, inkluż kliem ħelu u perswassiv, li jwasslu lil xi ħadd jemmen l-eżistenza ta' xi ħaġa msemmija mil-frodatur, liema ħaġa, in realta', ma teżistix. Minbarra l-gideb ghalhekk, irid ikun hemm l-ingann, ir-raġġiri jew is-simulazzjoni li jwasslu sabiex il-vittma jemmen jew ikollu fidi f'dak li qed jiġi lilu mwiegħed mill-frodatur. Dan l-ingann, għalhekk, għandu jkun akkumpanjat b'artifizji kwazi teatrali, u mhux sempliċement wegħdiet, promessi u kliem sempliċi. Dan hu element ferm importanti fir-reat ta' frodi. Biex ikun hemm dawn l-artifizji, mhux biżżejjed il-kliem waħdu, iżda dan il-kliem għandu jkun elokwenti, studjat u perswassiv; ma' dan it-tip ta' kliem għandu jkun hemm xi ħaġa esterna li apparentement tikkonferma u tipprova l-fatti assenti, ċjoe' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjoni menzjoniera tal-frodatur;

22. Skont il-ġurisprudenza prevalenti, sabiex jiġi integrat ir-reat ta' truffa jeħtieġ li jkun hemm rabta bejn min qiegħed jikkometti r-reat u l-vittma. Irid ikun hemm l-element materjali ta' dan ir-reat li jikkonsisti fl-użu tal-ingann jew raġġiri li jwasslu lil vittma sabiex issofri t-telf patrimonjali. Finalment l-element formali tar-reat jikkonsisti fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna lil vitma tiegħu biex jikseb profitt jew vantaġġ inġust għalih innifsu. Dawn l-elementi jridu jeżistu flimkien biex jitqies integrat ir-reat tat-truffa.[10]

---

Din il-messa in xena hi magħmula minn dawn l-artifizji jew raġġiri idonei li jinduċu u fil-fatt ikunu induċew lill-vittma fi żball li bħala riżultat ta' dan l-iżball, il-vittma tagħmel jew tonqos li tagħmel xi ħaġa li ġġibilha telf patrimonjali bil-korrispondent qligħ għall-aġent frodatur; Kif ġie stabbilit u riaffermat fil-Qrati tagħna, ikun ħati ta' truffa minn jagħmel użu minn kwalita' falza sabiex jaghmel qligħ għad-dannu ta' haddieħor;'.

[10] B'rabta ma' dan fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Carmela German** deċiż nhar it-30 ta' Diċembru 2004, intqal:

> In tema legali gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-12 ta' Frar, 1999 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Anthony Francis Willoughby** li:
> "Fil-ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf partimonjali bill-konsegwenti qligh ghall-agent (Il-Pulizija v. Emmanuele Ellul, App. Krim., 20/6/97; ara wkoll Il-Pulizija v. Daniel Frendo, App. Krim., 25/3/94). Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma, proprju ghax tkun giet ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent (**Il-Pulizija v. Carmel Cassar Parnis**, App. Krim., 12/12/59, Vol. XLIII.iv.1140). Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f' "raggiri o artifizi" – dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mise en scene – ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolent innominat) (ara, fost ohrajn, **Il-Pulizija v. Carmelo Cassar Parnis**, App. Krim., 31/10/59, Vol. XLIII.iv.1137; **Il-Pulizija v. Francesca Caruana**, App. Krim., 25/7/53, Vol. XXXVII.iv.1127; ara wkoll **Il-Pulizija v. Giuseppe Schrainer**, App. Krim., 3/3/56)."

Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Omissis, Omar Caruana u Omissis** ġie wkoll ċitat l-appell kriminali deċiż qablu fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charles Zarb** deċiż nhar it-22 ta' Frar 1993:

> "Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Francis ... Id- disposizzjonijiet tal-Kodici taghna li jikkontemplaw ir- reat ta' truffa kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta'l-artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi .....". Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta'l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.
>
> Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.
>
> Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal- fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta'l-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.
> Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkometti d-delitt tat-truffa kullmin:
> a. b'mezzi kontra l-ligi, jew
> b. billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew
> c. ta' kwalifiki foloz jew
> d. billi jinqeda b'qerq iehor u
> e. ingann jew
> f. billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,
> g. jew ta' hila
> h.setgha fuq haddiehor jew
> i. ta' krediti immaginarji jew
> j. sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.
>
> Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l- manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil- ligi.
>
> Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi "hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza "Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 –

23. Din il-Qorti taqbel mal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li sabet li l-anzjana Cuschieri kienet vittma ta' serje ta' inganni u raġġiri, mhux l-anqas tal-vulnerabilita psikoloġika tagħha, u li wasluha issofri telf partimonjali inġust. Il-provi li tresqu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati setgħu iwasluha biex tikkonkludi li t-truffa f'dan il-każ kienet il-frott ta skema maħduma bizzilla, prinċipalment imwetqa minn Antonio Borg - iżda bl-għinuna ta' martu wkoll - u li permezz tagħha l-anzjana Cuschieri ġiet indotta li tibda tafda lil Antonio Borg u lil martu appellata b'mod li bil-mod il-mod, l-anzjana tiġi taħt il-ħakma tagħhom u nġiebet f'qagħda li tiddependi minnhom għall-amministrazzjoni ta' ħwejjiġha : bil-konsegwenza li l-konjuġi Borg – prattikament it-tnejn li huma mingħajr xogħol u li jiddependu mill-benefiċċji soċjali - setgħu imbagħad jaħtfulha parti sostanzjali mill-beni jew benefiċċji tagħha bi gwadann inġust għalihom.

24. Permezz ta' atti li ħadu s-sura ta' artefiziji, maniġġi u raġġiri li ssemmew fil-provi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, waslu lil Grace Cuschieri biex issir tafda lill-konjuġi Borg. Fost dawn kien hemm l-istrumentalizzazzjoni tal-ħbiberija bejn John Cuschieri – ħu l-anzjana Grace Cuschieri u Antonio Borg. L-użu strateġiku ta' din il-ħbiberija kienet determinanti sabiex il-konjuġi Borg setgħu jaċċedu għar-residenza tal-anzjana, jersqu viċin tagħha u konxji mill-fatt li Cuschieri kellha problemi mentali u in kwantu tali vulnerabbli, jibdew jagħmlu viżiti spissi fid-dar tagħha, inkluż billi jġibulha l-ikel u

Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede."

Ghar-reati ta' truffa komtemplat fl-artikolu 308 tal-Kodici kriminali, il-Qorti iccitata lill-Imhallef Guze Flores fejn qal illi "kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal- falsita prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene."

Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-**reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il- kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar- reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta' l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."**[10]

Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta'l-Appell li iccittat diversi sentenzi ohra tal-Qrati taghna jidher illi l- elementi rikjesti sabiex jisussisti ir-reat tal-frodi baqghu invarjati fi-zmien. Illi ghar-rigward ta'l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (Il-Pulizija vs Patrick Spiteri deciza 22/10/2004) : **"L'agente ... deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stess, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."**[10]

għinuniet oħra.  Dan is-sens ta' familjarita' wassal lill-anzjana sabiex din tibda' tibda tafdahom u ssir dejjem iżjed tiddependi fuqhom għall-ħtiġijiet tagħha ta' kuljum, filwaqt li dejjem iżjed tiġi mbegħda mill-familjari tagħha stess : inkluż dawk li kienu saħansitra jgħixu f'fond li kien jinsab fuq ir-residenza tagħha.  L-anzjana Cuschieri waqgħet vittma ta' din in-nisġa ta' din l-għanqbuta msejsa fuq sens ta' falza familjarita, meta wara li Antonio Borg u l-appellata kisbu l-fiduċja tal-anzjana Cuschieri, din anke tathom prokura biex jamministrawlha ġidha.  Minn kliem l-anzjana Cuschieri stess, Antonio Borg kien anke saħansitra kien jiġbed il-flus tal-benefiċċji soċjali mhux biss tagħha iżda wkoll dik ta' ħuha John.  Fi ftit kliem, wara li l-konjuġi Borg akkwistaw il-fiduċja ta' l-aħwa Cuschieri, imbagħad proċedew biex jieħdu u jnaqqrulhom ħwejjiġhom.

25. L-anzjana Cuschieri tikkonċedi li hija għamlet prokura u ttrasferiet poteri amministrattivi fuq il-beni tagħha lil Antonio BORG. Iżda sussegwentement, hija ġiet indotta wkoll li saħansitra titrasferixxi d-dar residenzjali tagħha lill-**<u>konjuġi</u>** BORG permezz ta' kuntratt magħmul quddiem in-nutar Jonathan Zammit tal-15 ta' April 2009. Cuschieri kienet ċara fix-xhieda tagħha meta b'mod konsistenti sostniet illi hija qatt ma xtaqet tbiegħ dik il-proprjeta' lill-barranin, allura inkluż lill-konjuġi BORG.  Grace Cuschieri tixhed li lanqas biss kellha l-iċken idea tal-fatt illi meta iffirmat serje ta' dokumenti kif kienet mitluba illi tagħmel, hija effettivament kienet qiegħda tiffirma bħala l-bejjiegħa ta' dik il-proprjeta'. F'paġna 145 tax-xhieda tagħha hija tgħid:

> Pros: U inti ffirmajt dakinhar?
> Xhud: Imma ffirmajt għax qalli li rrid niffirma.
> Pros: Min qallek li trid tiffirma?
> Xhud: In-Nutar. U għidtlu ''Għalfejn niffirma?'' U qalli: ''Għax hekk hemm bżonn''. **U għal liema raġuni ma nafx**.[11] U mbagħad rajt lil Tony joħroġ il-flus, għamilhom mazez mazez, u n-Nutar qal: ''Kemm hemm?' U qallu: ''Għoxrin elf''. Qallu: ''Mela mhux ħa ttihomlha?'' U qallu: ''Issa nitfagħhomlha l-bank''.
> Pros: Imma inti taf x'kien qed jiġri? Għalfejn ħareġ l-għoxrin elf? Għalfejn kellu jtik għoxrin elf?
> Xhud: Ma nafx. U mbagħad wara sirt naf, għax ġiet karta li jien biegħhejtlu l-post u tani tlieta u ħamsin elf tiegħu. Minn dan kollu lanqas ħabba ma' tani.

26. Ukoll, f'paġna 146 tax-xhieda tagħha, il-parte leża tkompli żżid:

> Pros: Issa din il-karta li qed tgħid, jiġifieri inti spiċċajt iffirmajtha din il-karta?

[11] Enfasi miżjuda.

Xhud: Iffirmajtha pero’ għal xiex ma nafx. Għidtlu: ‘’Għalxiex,’’ lin-Nutar u qalli: ‘’Issa jgħidlek dan, Tony’’.
Pros: U qrahielek in-Nutar qabel ma’ ffirmajt?
Xhud: Le, le, ma’ qara xejn. Jien naf li ħareġ il-flus.
Pros: Ingħatajt kopja tagħha din il-karta?
Xhud: Le xejn.
Pros: Qatt rajtha din il-karta?
Xhud: Le.

27. L-istess xehdet fir-rigward tal-prokura li permezz tagħha Antonio BORG kien jamministra l-finanzi tal-parte leża u d-dħul fil-kontijiet tal-bank tagħha. F’paġna 154 tax-xhieda tagħha, Grace Cuschieri tixhed hekk:

Pros: Issa din il-prokura kif saret?
Xhud: Ma nafx. Għax ma qalli li ħa jagħmel prokura. U jiena ngħid li ħadni għand in-Nutar minħabba l-prokura.

28. Għal dak li jirrigwarda l-involviment ta’ Antonio BORG fit-truffa adoperata għad-dannu ta’ Grace Cuschieri, il-każ illum huwa magħluq, anke peress li Antonio Borg m’appellax mis-sentenza mogħtija fil-konfront tiegħu.

29. Il-punt ta’ kontestazzjoni tal-Avukat Ġenerali jirrigwarda lill-appellata Lilian (Emmanuela) BORG in kwantu targumenta li din kellha tinstab ħatja, almenu ta’ kompliċi ma żewġha fit-truffa magħmula a dannu ta’ Cuschieri u dan fis-sensi tal-Artikolu 467(2) tal-Kodiċi Kriminali li huwa reż applikabbli għal proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bis-saħħa tal-Artikolu 525(3) tal-imsemmi Kodiċi.[12]

30. Il-kompliċita fil-kummissjoni ta’ reat isseħħ meta persuna:

(a) tkun tat ordni lil ħaddieħor biex jagħmel id-delitt; jew
(b) tkun ġielgħet li d-delitt isir b’mezz ta’ rigali, wegħdiet, theddid, maniġġi, jew egħmil qarrieqi, inkella b’abbuż ta’ awtorita’ jew setgħa, inkella li tkun tat istruzzjonijiet biex isir id-delitt; jew

[12] Meta ma jiġix ippruvat li l-akkużat, jew xi wieħed mill-akkużati, kien l-awtur jew wieħed mill-awturi tar-reat miġjub fl-att tal-akkuża, iżda jiġi ippruvat li kien kompliċi jew li jkun ħati ta’kospirazzjoni għall-għemil ta’ dak ir-reat, il-ġuri jista’ jiddikjara l-akkużat ħati bħala kompliċi f’dak ir-reat jew ħati ta’ kospirazzjoni għall-għemil ta’ dak ir-reat; reċiprokament, meta persuna tkun akkużata, fl-att tal-akkuża, b’kompliċità f’reat il-ġuri jista’ jiddikjara lil dik il-persuna ħatja ta’ kospirazzjoni għall-għemil ta’dak ir-reat jew ħatja bħala l-awtur, jew wieħed mill-awturi, ta’ dakir-reat u jekk hija tkun akkużata b’kospirazzjoni għall-għemil ta’reat hija tista’ tigi ddikjarata ħatja bħala kompliċi f’dak ir-reat jew bħala awtur, jew wieħed mill-awturi, ta’ dak ir-reat, ikkunsmat jew ittentat, jekk ikun hemm provi ta’ dan..

(c) tkun tat armi, għodod jew mezzi oħra li jkunu ġew użati fl-egħmil tad-delitt, meta kienet taf li kellhom hekk jiġu użati; jew
(d) għad li ma tkunx waħda mill-persuni msemmija fil-paragrafi (a),(b) u (c), b'xi mod li jkun, xjentement, tkun għenet jew assistiet lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun ġie ippreparat jew ikkunsmat; jew
(e) tkun xewxet lil ħaddieħor inkella saħħet il-volonta' tiegħu sabiex jagħmel id-delitt, jew wegħdet li wara l-fatt tassistiħ, tieqaf miegħu jew tikkompensah. [13]

31. Irid jirriżulta d-diżinn komuni bejn l-awtur u l-kompliċi ossija dak li huwa komunement magħruf bħala *common design* - l-istess ħsieb li jirnexxi fil-pjan li jakkomuna lilu u lill-awtur tar-reat. Il-kompliċi jrid ikun konxju tal-ħsieb li l-awtur tar-reat ikollu f'moħħu li jwettaq, irid ikun jaf dan il-ħsieb x'inhu, u l-kompliċi jrid ukoll ikun intenzjonat illi jwettaq xi ħaġa li permezz tagħha l-att kriminuż li jkun f'moħħ l-awtur tar-reat ikun jista' jirnexxi. M'hemmx għalfejn li l-kompliċi jwettaq azzjoni ta' kommissjoni; huwa biżżejjed li l-azzjoni tal-kompliċi tkun limitata għal support morali u psikoloġiku sabiex isaħħaħ ir-rieda tal-awtur tar-reat biex dan tal-aħħar iwettaq ir-reat. Allura anke s-sempliċi appoġġ lill-awtur tar-reat jista' jikkwalifika persuna bħala kompliċi, dment li jkun hemm id-diżinn komuni bejniethom. Lanqas huwa neċessarju li l-pjan kriminuż jirnexxi, għaliex skont il-Professur Sir Anthony Mamo fin-Noti tiegħu, huwa suffiċjenti li jkun hemm biss il-bidu tal-eżekuzzjoni tad-delitt miftiehem.[14]

---

[13] Skond il-Professur Sir Anthony Mamo, **Notes on Criminal Law**, Volume I, sabiex persuna titqies komplici l-aġir tagħha irid ikun volut u magħmul:

> With the purpose of assisting the perpetration of that offence...a defendant charged as an accomplice must be proved to have done something in furtherance of a common purpose i.e. he must procure, incite or, in some other way specified in the law, encourage or assist in the act done by the principal...In order that it may be said that a man has concurred in an offence committed by another, it is necessary that he should have done some effort for the offence to be committed so that a causal connection can be traced between such an effort and the commission of the offence.'

[14] Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Kenneth Camilleri** deċiż nhar il-15 ta' Jannar 2015 intqal:

> Illi l-common design u ċioe' "the two or more persons concurring in the offence must be shown to have intended one and the same offence and have done something towards committing it "huwa ppruvat sal-grad rikjest mil-liġi, u allura lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni illi Kenneth Micallef a bażi tal-Artikolu 43(d) irrenda ruħu kompliċi billi "b'xi mod li jkun, xjentement, tkun għenet jew assistiet lill-awtur tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun ġie ppreparat jew ikkunsmat."

Ukoll, fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Ahmed El Fadali Enan** deċiż nhar l-20 ta' Settembru 2018 ġie mistqarr:

> Kwindi irid ikun hemm dak komunement indikat bħala l-'common design' bejn l-awtur u l-kompliċi u l-komportament tal-kompliċi irid ikun intenzjonat sabiex l-att kriminuz jirnexxi. In oltre l-Professur Mamo, jindika b'mod ċar li trid tirriżulta mill-inqas il-bidu tal-eżekuzzjoni tad-delitt miftiehem, mingħajr il-ħtieġa tal-konsumazzjoni intiera, fejn allura l-kompliċita tista tirriżulta ai fini ta' reati tentati skond id-dettami tal-artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali.

32. Meta jitqiesu l-provi li kellha quddiemha l-Qorti tal-Maġistrati, inkluż il-fatt li dik il-Qorti korrettament sabet ħtija f'Antonio Borg, mill-banda l-oħra, in bażi għall-istess provi, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħetx, legalment u raġonevolment in bażi tagħhom tillibera kompletament lill-appellata BORG.

33. Din il-Qorti taqbel, li meta wieħed iqis ix-xiehda ta' Grace Cuschieri u l-familjari tagħha Mandy Borg u Mary Bugeja, verament jirriżulta li Antonio BORG kien il-protagonist ewlieni fit-twettieq tal-iskema truffaldina adoperata a dannu ta' Cuschieri. Kien hu li daħal fin fin lil ħu l-parte leża bl-iskuża li xtaq jara l-guva tal-għasafar li kienet tinżamm fir-residenza ta' Cuschieri, bl-istess mod li kien hu dak li kien jorkestra l-appuntamenti ta' Cuschieri mat-tobba, psikjatri u nutar li kienu nvoluti f'din il-viċenda.

34. Jirriżulta wkoll li kien Antonio BORG dak li kien jamministra l-finanzi ta' Grace Cuschieri u li kien jiddeċiedi fuq id-dħul u ħruġ ta' Cuschieri mill-Isptar Monte Carmeli. Il-kwadru probatorju preżentat joħloq stampa fejn Antonio BORG għall-artefizji u maniġġi tiegħu, inkluż bl-użu strumentalizzat tal-ħbiberija li huwa kellu ma John Cuschieri, ħu Grace Cuschieri, ried jakkwista l-fiduċja ta' Grace Cuschieri b'mod li din tibda tafdah, li jsir prokuratur tagħha u minn hemm imbagħad, grazzi għall-fatt li Grace Cuschieri kienet persuna evidentement vulnerabbli u bi problemi psikjatriċi notevoli, jipproċedi biex jieħdilha mill-assi tagħha b'mod inġust.

35. Antonio Borg f'dawk iż-żminijiet ma kienx jaħdem. Martu Lilian BORG ukoll kienet, tista' tgħid kważi dejjem, diżokkupata. Igħidu li kienu għixu bl-għinuna soċjali u bil-kontribuzzjonijiet ta' dawk fost it-tfal li kienu jaħdmu. Allura f'dan l-isfond, il-flus riedu jiġu minn xi mkien. Grace Cuschieri tagħti spjegazzjoni ta' kif il-flus kienu ottjenewhom – billi wara li ottjenew il-prokuri, bdew isarrfu ċ-ċekkijiet tal-benefiċċji soċjali tagħha u ta' ħuha u jieħdulhom parti sostanzjali mill-flejjes tagħhom.

36. Jekk allura l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet sodisfatta li l-konjuġi BORG kellhom mezzi limitati, u ġaladarba il-Qorti tal-Maġistrati skartat bħala li ma titwemminx il-verżjoni ta' BORG li l-flus li bihom skonthom xtraw il-proprjeta mingħand Cuschieri kienu ingħataw lil Antonio Borg minn ommu bħala donazzjoni matul ħajjitha biex tagħmel tajjeb għal nuqqasijiet fit-testment ta' missieru, allura kien iżjed minn ċar li l-konjuġi BORG ma kellhomx flus

tagħhom biżżejjed biex ikunu jistgħu jixtru proprjetà tiswa €51,246.21 in kontanti. Jekk xejn dan il-fatt waħdu għandu jqajjem mistoqsijiet kbar fil-konfront ta' kemm, verament, Lilian BORG kienet għall-oskur minn dak li kien qiegħed jagħmel żewġha. Fis-sempliċita tagħha l-anzjana stess tikkummenta li ma kienx possibbli li l-appellata ma kienetx taf dak li kien qed jagħmel żewġha meta dan kien isarraf kemm iċ-ċekk tal-benefiċċji tagħha u dawk ta' ħuha li kienu jammontaw għal madwar elf euro fix-xahar.

37. Pero apparti minn hekk, jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ikkonċediet li l-provi wrew li Lilian BORG kienet marbuta mal-kuntratt tax-"xiri" tal-fond mingħand Cuschieri. Iżda fil-fehma ta' din il-Qorti, il-provi kienu juru wkoll li Borg kienet ukoll involuta fl-istrataġemma, komuni ma żewġha, li jakkwistaw il-fiduċja tal-anzjana Cuschieri biex wara li jkunu ottjenew il-poteri t'amministrazzjoni fuq il-proprjeta ta' Grace Cuschieri - anke matul ħajjet ħu Grace Cuschieri – ikunu jistgħu jieħdu mill-proprjeta tagħha. Fil-fatt fl-istqarrija rilaxxjata minn Lilian BORG fil-15 t'April 2016 jirriżulta li hi tammetti mal-Ispettur Investigattiv li mhux żewġha biss kellu l-prokura ta' Grace Cuschieri, iżda **<u>anke hi</u>** kienet prokuratriċi ta' Grace Cuschieri għal xi żmien bħal ma kien żewġha. F'paġna 139 tgħid li din ma kellhiex x'tambiha, u li kienet qalet lil Grace Cuschieri biex tneħħiha minn prokuratriċi. Iżda mill-atti jirriżulta li almenu kwantu għall-prokura li kienet inħarġet favur żewġha Antonio, din kienet tħassret bil-mezz ta' ittra uffiċjali li ġiet eżebita u mhux frott ta' xi rinunzja volontarja minn naħa tagħhom.

38. Dan allura jfisser ukoll li l-appellata Lilian BORG ma kienetx kompletament assenti minn din ix-xena marbuta mal-każ. Allura fil-verita, jekk Antonio Borg kien prokuratur ta' Grace Cuschieri, x'raġuni kien hemm biex skontha, anke l-appellata tkun prokuratriċi tal-istess anzjana? Fil-fehma tal-Qorti l-akkwist tal-prokura tal-anzjana kienet fil-fatt espedjent importanti għall-konjuġi Borg biex ikunu jistgħu jkunu fil-kontroll tal-proprjeta tal-anzjana Cuschieri. Iżda Cuschieri ttenni wkoll li hija ma kellhiex biss il-proprjeta tagħha kontrollata minn Antonio Borg, iżda anke l-liberta tal-ħsieb u l-azzjoni tagħha kienet dominata minn dan ir-raġel – fatt dan probabbilment aċċentwat mill-qagħda psikoloġika vulnerabbli u mwegħra tagħha. Fil-fatt hemm episodji fejn Grace Cuschieri tgħid li hija kienet tkun imbeżża' minn Antonio Borg u l-mod kif kien jaġixxi magħha.

39. Għalkemm verament li l-anzjana Cuschieri tagħmel enfażi fuq l-imġieba ta' Antonio Borg, aktar milli tal-appellata, l-istess Cuschieri

tqiegħed lill-appellata fl-istess kuntest ta' żewġha. F'paġna 141 tax-xhieda tagħha Cuschieri stess issemmi kif meta ħuha introduċa lill-konjuġi BORG, anke Lilian BORG kienet tmur fid-dar tal-anzjana. Cuschieri ssemmi kif kienu jeħdulha l-ikel. Minn kliem l-anzjana jirriżulta li Antonio BORG kien ukoll joħodha d-dar tagħhom u kien ikun martu meta dan iseħħ:

Pros: Inti dawn tafhom?
Xhud: Le, sirt nafhom għax ġabhomli ħija, ġab lilu d-dar
Pros: Lil Tony?
Xhud: Ehe. U lil martu għax kien jeħodni għandu.

40. F'paġna 316 tax-xhieda tiegħu anki x-xhud Dr. Francis Agius jixhed kif lill-konjuġi BORG - lit-tnejn li huma - kien ġieli jarahom fir-residenza ta' Grace Cuschieri meta huwa kien imur jinvista lil ħuha. L-Ispettur issemmi l-episodju fejn Cuschieri irriferiet ukoll għal meta kienet rebħet l-istatwa tal-Madonna u li din l-istatwa kienet spiċċat għand il-konjuġi BORG, inkluż b'xi deheb imdendel magħha.

41. Fatt ġuridiku ieħor ta' rilevanza f'dan ir-rigward huwa dak li tixhed dwaru l-anzjana f'paġna 144 tax-xhieda tagħha fejn hija tirrakkonta kif dakinhar illi marret għand in-Nutar sabiex isir it-trasferiment tad-dar tagħha **kienet il-mara ta' Antonio BORG nonche' l-appellata** Lilian (Emmanuela BORG) dik li saqet il-vettura li waslithom sa għand n-Nutar:

Xhud: Jiena kien ġie għalija u ġiet il-mara tiegħu bil-karozza...

42. Lilian BORG ma baqgħetx fil-vettura tistennihom ilestu, iżda daħlet għand in-Nutar Jonathan Zammit flimkien ma' żewġha u l-anzjana Cuschieri sabiex isir l-att ta' bejgħ. Dan jirriżulta mill-kuntratt ta' bejgħ eżebit fl-atti proċesswali fejn l-appellata BORG dehret bħala parti akkwirenti fil-kuntratt **u għalhekk l-akkwist sar f'isem żewġha daqskemm f'isimha wkoll**.

43. Allura jekk verament il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma enmitx il-verżjoni ta' Borg li l-flus kontanti biex "xtraw" din id-dar mingħand l-anzjana Cuschieri kienu frott ta' donazzjoni lil Antonio Borg mingħand ommu, u ġaladarba l-konjuġi Borg kienu għal żmien twil ħafna diżokkupati u *ex admissis* jgħixu bil-benefiċċji soċjali u bl-għinuna ta' dawk fost uliedhom li kienu bdew jaħdmu, kif jista' jingħad li Lilian BORG kienet fis-sewwa meta hija ffirmat kuntratt li fuqu kienet qegħda tiddikjara li kienet ħalset somma ta' l-fuq minn ħamsin elf euro cash lill-anzjana Cuschieri qabel id-data tal-kuntratt?

Minn fejn ġabrithom dawk il-flus allura? Dawn ma humiex mistoqsijiet retoriċi, iżda mistoqsijiet leġittimi u li kien mistenni li l-appellata tagħti tweġiba li tikkonvinċi sal-grad tal-probabbli.

44. Fil-fatt il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma sabetx li dik l-ispjegazzjoni li taw il-konjuġi Borg kienet tikkonvinċi sal-grad tal-probabbli u allura skartatha. Ġaladarba skartata, issa tiġi waħedha l-mistoqsija kif allura setgħet, *in buona fede* tiddikjara li ħalset flus mill-prezz għal xiri ta' fond meta evidenza ta' provenjenza leċita għal dawk il-flejjes ma kellhiex u ma fornitx, u meta prova li verament ħalset lil Cuschieri dawk il-flejjes qabel id-data tal-kuntratt l-anqas ma ġiet fornita sal-grad tal-probabbli.

45. F'paġna 261 tax-xhieda tagħha Mandy Borg, membru tal-familja ta' Grace Cuschieri, issemmi kif meta ħarġu lil Cuschieri minn Monte Carmeli u kellhom bżonn idaħluha lura fl-abitazzjoni tagħha, kellhom jitolbu ċ-ċavetta lil Antonio Borg għax huwa kien żammha għandu; iżda f'dan kollu hija kienet kelmet lil martu, l-appellata Lilian BORG, fuq it-telefon - u mhux lil Antonio Borg.

46. Minn dawn il-provi, diffiċilment jista' jingħad li l-appellata ma kinitx taf b'dak kollu li kien jorkestra żewġha - u dan b'referenza għal kollox u mhux għal fatt biss tat-trasferiment tal-proprjeta' li, kif diġa' ngħad, gawdiet minnu hija wkoll. Minn dan il-kwadru jemerġi wkoll li mhux biss Lilian BORG kellha l-istess intenzjoni ta' żewġha li tarrikixxi lilha nnifisha minn fuq dahar l-anzjana iżda wkoll li kienet preżenti fil-manuvri prinċipali imwettqa minn żewġha, anki jekk jidher li kienet taġixxi fid-dell ta' żewġha u ma dehritx li kienet tieħu rwol fid-deher. Diffiċilment allura, f'dan il-kwadru probatorju, jista' jingħad li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet korretta meta eskludiet lill-appellata mill-involviment tagħha fl-għarfien ta' dak li kien qiegħed jagħmel żewġha – inkluż b'rabta mal-kuntratt tal-akkwist tal-fond.

47. Għaldaqstant, f'dan il-kwadru probatorju, din il-Qorti jidhrilha li l-Avukat Ġenerali għandha raġun issostni li mill-provi jemerġi lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li r-reat ta' truffa jirriżulta integrat anki fil-konfront tal-appellata in kwantu l-appellata kienet effettivament kompliċi ma żewġha Antonio Borg fit-twettieq tat-truffa a dannu tal-anzjana Cuschieri.

# Deċide

**Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qiegħda tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali, tħassar is-sentenza appellata f'dik il-parti fejn ma sabitx ħtija fl-appellata għar-reat ipotizzat fit-tieni imputazzjoni, u wara li rat id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 42(d), 308, 310(1)(a), 467 u 520(3) tal-Kodiċi Kriminali, issib lill-appellata ħatja tat-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tagħha fil-kwalita ta' kompliċi flimkien ma żewġha Antonio Borg fit-twettieq tar-reat kontestat fit-tieni imputazzjoni u tikkundannaha għall-istess piena li ingħatat lil żewġha ossija għal sentejn priġunerija li bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qiegħdin jiġu sospiżi għall-perjodu ta' erba' snin mid-data ta' din is-sentenza.**

**Altrimenti, il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fil-kumplament tagħha.**

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**